# Tifkiriet Ta' Ġużepp Bartolo

## Ex President tal-Każin "Imperial" tal-Mellieħa

Ġanni Camilleri

Temmejt is-snin ta' ħajtek,
'L fuq sew mit-tmenin.
Ħafna ħassew dit-telfa
Minn fostna l-Melleħin

Ħabrieki nafek dejjem
Ma' sħabek tal-każin.
Dejjem tara x'se tagħmel
Għall-ġid tal-Melleħin.

U President jien nafek
Ukoll għal ħafna snin
Fejn rajt tibdil fil-binja
L-Imperial, fil-każin.

U meta għal xi raġuni
Kien jinħakem ftit l-inkwiet,
Kont tara int x'se tagħmel
Biex dan jintemm bil-kwiet.

Fil-festa tal-Vitorja
Kont tkun ferħan se ttir;
Timxi quddiem il-banda
Biex kollox sew isir.

Niftakar kemm kont tifraħ
Bil-ħbieb dawk imsefrin
Li jiġu għall-btala Malta;
L-aktar dawk Melleħin.



Ta' spiss dawn kienu jagħtu
Rigali lill-każin;
Standard, strument tal-banda
W'oġġetti għat-tizjin.

U int kont tirringrazzja
Lil kull min ta rigal
Fost iċ-ċapċip tal-folla;
Fost it-twerżiq tat-tfal.

Issa l-Mulej sejjaħlek
Biex tgawdi dak li żrajt.
Żgur li kont tibqa' taħdem
Li kieku int magħna bqajt.

Issa aħseb Ġuż, ftit fina;
Fil-membri tal-każin,
Biex fil-każin Imperial
Ma jidħol xejn ħażin.

Żgur li l-Madonna tħallsek
Ta' kemm għamilt int ġid,
Ma' kull ħaddiem tal-pinna;
Ma' kull ħaddiem tal-id.

CLD
Caruana Light Decorations
Mob: 7984 5121